

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-10 ta' Marzu 2016 – HeidelbergCement AG vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-247/14 P) ⁽¹⁾

(Appell — Kompetizzjoni — Suq għas-“siment u prodotti relatati” — Proċedura amministrattiva — Regolament (KE) Nru 1/2003 — Artikolu 18(1) u (3) — Deċiżjoni ta' talba għall-informazzjoni — Motivazzjoni — Preċiżjoni fit-talba)

(2016/C 156/06)

Lingwa tal-proċedura: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellanti: HeidelbergCement AG (rappreżentanti: U. Denzel, C. von Köckritz u P. Pichler, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Kellerbauer, L. Malferrari u R. Sauer, aġenti)

Dispożittiv

- 1) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-14 ta' Marzu 2014, HeidelbergCement vs Il-Kummissjoni (T-302/11, EU:T:2014:128), hija annullata.
- 2) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2011) 2361 finali, tat-30 ta' Marzu 2011, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 18 (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 (Kawża COMP/39520 – Siment u prodotti relatati), hija annullata.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha, l-ispejjeż ta' HeidelbergCement AG kemm fir-rigward tal-proċedura fl-ewwel istanza fil-Kawża T-302/11 kif ukoll tal-appell.

⁽¹⁾ ĠU C 223, 14.7.2014.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-10 ta' Marzu 2016 – Schwenk Zement KG vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-248/14 P) ⁽¹⁾

(Appell — Kompetizzjoni — Suq tas-“siment u prodotti relatati” — Proċedura amministrattiva — Regolament (KE) Nru 1/2003 — Artikolu 18(1) u (3) — Deċiżjoni ta' talba għal informazzjoni — Motivazzjoni — Preċiżjoni tat-talba)

(2016/C 156/07)

Lingwa tal-proċedura: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellanti: Schwenk Zement KG (rappreżentanti: M. Raible u S. Merz, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Kellerbauer, L. Malferrari u R. Sauer, aġenti)

Dispożittiv

- 1) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-14 ta' Marzu 2014, Schwenk Zement vs Il-Kummissjoni (T-306/11, EU:T:2014:123), hija annullata.